L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

SECRET - CABINET PAPERS

MINUTI

Laqgha tal-Kabinett Nru.

Kastilja 13 ta' Novembru 1978

Prezenti:

| | |
|---|---|
| L-Onor Dom Mintoff | Prim Ministru - Chairman |
| L-Onor A Barbara | Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura |
| L-Onor J Abela | Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu |
| L-Onor L Sant | Ministru tax-Xogholijiet u Sports |
| L-Onor W Abela | Ministru tal-Izvilupp, Energija, Port u Telekommunikazzjonijiet |
| L-Onor F Micallef | Ministru tal-Biedja u Sajd |
| L-Onor W Moran | Ministru tas-Sahha u l-Ambjent |
| L-Onor Ph Muscat | Ministru ta l-Edukazzjoni |
| L-Onor P Holland | Ministru tal-Kummerc, Industriji Parastatali u tal-Poplu |

Prezenti ukoll :

| | |
|---|---|
| Mr G. Agius | Dr P. Farrugia |
| Mr J. Borg | Mr C. Vella |
| Dr E. Mizzi | Mr J. Cassar (MDC) |
| Mr A Agius Ferrante | Mr J. Sammut |
| Mr M Abela | Mr E. Ebejer |
| Mr R Stivala | Mr E. Causon |

Minuti

Il-Ministri approvaw il-Minuti tal-Laqgha Nru.

Il-Prim Ministru gharraf lill-Kabinett rigward il-kwistjoni tat-tessuti, illi skond l-informazzjoni li ghandu minghand is-Segretarju tal-Affarijiet Barranin taghna, ghad hemm items bhal T-shirts, Yarn u blouses li l-kwota taghhom ghadna ma lhaniex. Peress illi m'hemmx qbil fit-total tal-kwota bejn Malta u l-Ingilterra gie deciz illi s-Segretarju Permanenti tal-Affarijiet Barranin taghna jmur Brussels biex jigu stabbiliti sewwa d-deskrepanzi ta' bejnitna.

Gie wkoll deciz biex nezaminaw x'inhu l-atteggament tal-Algerija dwar it-Textiles kif ukoll tar-Rumanija, Ungerija, Czechoslovakija u l-Iraq biex jekk jista jkun ma nkomplux norbtu ma' l-Ewropa u nibdew nharsu lejn swieq ohra.

Gie wkoll deciz illi fejn hu possibli u pratikabbli nibdlu l-policy u ma nkomplux nqabbdu izjed irgiel fl-industrija imma nisa flokhom.

Il-Prim Ministru qal illi issa l-mument illi nibghatu Trade Delegation fl-Iraq u r-Rumanija l u naghmlu attentàti ohra ma l-Algerija kif ukoll ma l-Libja.

Gie wkoll deciz illi jigu diskussi aktar 'l quddiem u fid-dettal il-projetti kollha tal-Malta Development Corporation.

Fil-11.15 p.m. is-Seduta aggornat sine die.

| | |
|---|---|
| ...................... | ......................... |
| Segretarju tal-Kabinett | Chairman tal-Kabinett |

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA